## 8-a-side LEAGUE

1.00 **LEAGUE NAZZJONALI**

1.01 Dan il-kampjonat, li huwa l-kampjonat Nazzjonali tad-darts, huwa maqsum f'diviżjonijiet differenti. Il-Kunsill għandu s-setgħa li jiddeċiedi kemm ikun hemm timijiet f'kull Diviżjoni, kif ukoll il-format tal-leagues f'kull Diviżjoni. Sakemm ikun possibli, l-ewwel u t-tieni Diviżjonijiet jintlagħbu fuq tlett rounds. Diviżjonijiet oħra nferjuri jintlagħbu kif jiddeċiedi l-kunsill. Ċentru ma jistax ikollu aktar min żewġ (2) tims affiljati miegħu. Dawn iż-żewġ tims jistgħu ikunu jew f'diviżjonijiet differenti jew fl-istess diviżjoni.

1.02 Ix-xhur li fih jintlagħab il-league huma bejn Settembru u Mejju. F'każ ta' bżonn, il-Kumitat Eżekuttiv jista' jbiddel jew jestendi dan il-perjodu.

1.03 Il-ġranet normali tal-logħob tal-8-a-side huma nhar ta' Ġimgħa.

1.04 Il-logħob jintlagħab fuq bażi ta' home u away b'aktar minn round wieħed.

1.05 Il-ħin tal-logħob huwa fis-7:30 ta' filgħaxija bi 30 minuta "grace".

1.06 Il-kunsill tal-M.D.A., għandu d-dritt ibiddel sew il-ħin kif ukoll il-ġurnata ta' xi logħba partikolari, minħabba ċirkostanzi bħal ffilmjar, eċċ. F'dan il-każ it-tims konċernati jiġu avżati 14 il-ġurnata qabel id-data tal-logħba.

2.00 **SPONSORS tal-M.D.A.**

2.01 Kull tim hu obbligat li jimxi skond ix-xewqat tal-isponsor tal-M.D.A.

2.02 Fil-postijiet tal-logħob mill-inqas stiċker waħda ta' kull sponsor tal-M.D.A. trid tkun imwaħħla f'post prominenti viċin il-bord.

2.03 Waqt il-ġranet tal-logħob, kull club jew bar hu obbligat li jkollu għal bejgħ il-prodott ta' li sponsors tal-M.D.A.

3.00 **AFFILJAZZJONI TA' ĊENTRU U TIM**

3.01 Tims minn ċentri affiljati mal-M.D.A. biss jistgħu jieħdu sehem. Ċentru ma jista'x ikollu aktar min żewġ tims affiljati miegħu.

3.02 Il-ħlas ta' affiljazzjoni hi ta' €250 kull tim li jirreġistra. Din tkun tinkorpora l-affiljazzjonijiet kollha tat-tim u l-plejers, għal-attivitajiet kollha organizzati mill-M.D.A. minbarra l-Malta Open u l-Presentation Dinner. Il-ħlas tar-Reġistrazzjoni irid isir mal ewwel kif tiġi preżentata ir-reġistrazzjoni tat-tim.

4.00 **REBH TAL-UNURI, PROMOZZJONI U RELEGAZZJONI**

4.01 Dak it-tim, li wara tmiem il-league ikun akkwista l-akbar numru ta' punti, jiġi dikjarat ċhampion ta' dik id-diviżjoni partikolari li jkun qed jilgħab fiha. F'każ li jkun hemm aktar minn tim wieħed bl-istess numru ta' punti, ikun hemm bżonn li tintlagħab decider/s.

4.02 Dawk iż-żewġ tims mit-tieni diviżjoni l-isfel li jġibu l-akbar numru ta' punti, jiġu promossi għal diviżjoni waħda għola għall-istaġun ta' wara. F'każ ta' aktar minn żewġ tims bl-istess numru ta' punti, ikun hemm bżonn ta' decider/s.

4.03 Dawk iż-żewġ tims li jiġu l-aħħar fid-diviżjonijiet rispettivi tagħhom, jiġu relegati għal diviżjoni waħda inferjuri għall-istaġun ta' wara, ħlief f'każi partikolari (ara 4.04). Jekk ma jkunx hemm diviżjoni aktar inferjuri, dawn iċ-ċentri jibqgħu iżommu posthom f'dik id-diviżjoni partikolari. F'każ ta' aktar minn żewġ tims bl-istess numru ta' punti, ikun hemm bżonn ta' decider/s.

4.04 Fil-każ li xi tim jew tims f'diviżjonijiet għola li ma jkunux ġew relegati ma jikkompetux l-istaġun ta' wara, dak it-tim jew tims klassifikat/i fit-tielet post l-isfel f'diviżjoni waħda inferjuri jirbaħ/jirbħu l-promozzjoni. Dan sabiex jimtela l-vojt f'diviżjonijiet għola. Din il-promozzjoni ma tistax tiġi irrifjutata. Jekk dan ma jkunx possibbli minħabba xi regolamenti oħra, tim jew tims relegati iżommu posthom fid-diviżjoni li jkunu ġew relegati minnha.

4.05 F'każ li ċentru ma jarmax, jekk it-tim iżomm il-maġġoranza (50% +1) tal- plejers li kellu rreġistrati miegħu l-istaġun ta'qabel, dawn ma jitilfux l-istatus li kienu jokkupaw. Din tapplika anke jekk iċ-ċentru jew it-tim ibiddel ismu. Din ma tapplikax f'każ li jiġi xolt wieħed mit timijiet matul l-istaġun ta qabel fil-każ li ċentru għandu aktar min tim wieħed.

4.06 Wara li jintemm il-league dawk it-tims mit-Tieni Diviżjoni l-isfel li jispiċċaw b'punti ndaqs iridu jilgħabu decider sabiex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tat-tims fil-klassifika.

4.061 Fil-każ ta' żewġ tims bl-istess numru ta' punti, id-decider trid tintlagħab fil-ġimgħa ta' wara li jispiċċa l-league.

4.062 Fil-każ ta' aktar min żewġ tims bl-istess numru ta' punti, id-deciders isiru bħalma hu mniżżel f'5.02 (Deciders) fid-dati li tiddeċiedi l-M.D.A.

4.07 L-M.D.A. tista' minn żmien għall-ieħor iżżid jew tnaqqas in-numru ta' tims fid-diviżjonijiet partikolari.

4.08 Il-logħob jintlagħab fuq tlett rounds.

4.09 4.09 tista ma tapplikax fl-inqas diviżjoni, skond in-numru ta' tims parteċipanti.

5.00 **DECIDERS**

5.01 Fil-każ ta' decider għall-4.01 u 4.041 bejn żewġ tims, dak it-tim li jirbaħ id-decider jiġi dikjarat ir-rebbieħ. Jekk ir-riżultat tad-decider jispiċċa fi draw (4-4) tintlagħab it-1001. F'dan il-każ il-lista tal-plejers tibqa bħal ma kienet waqt il-logħba u jibda jitfa' dak it-tim li jirbaħ it-toss qabel id-decider. Plejers li huma mnizzla għall-logħob tad-doubles ma jieħdux sehem fit-1001.

5.02 Fil-każ ta' decider bejn aktar minn żewġ tims, jintlagħab league bejn it-tims konċernati, ta' round wieħed fi clubs newtrali. Jekk żewġ tims jew aktar iġibu l-istess numru ta' punti wara li jispiċċa dan ir-round ta' deciders, il-klassifika tat-tims tiġi deċiża hekk:

1. Skond il-konfront diretti.
2. Skond il-logħob (favur u kontra) fil-klassifika tar-round ta' deciders.
3. Skond il-legs tal-konfront diretti.
4. Skond il-logħob (favur u kontra) fil-klassifika tal-league Nazzjonali.

5.03 Jekk f'5.02 wara l-konfront kollha meħuda ir-riżultat finali jibqa' ugwali, f'każ ta' żewġ tims, tintlagħab decider bħal m'hux imniżżel f'5.01. Fil-każ remot ta' aktar minn żewġ tims, terga' tintlagħab decider bħal m'hu mniżżel f'5.02. Jekk wara din it-tieni serje ta' deciders, xi tims jibqgħu l-istess fil-punti, l-M.D.A. tiddeċiedi hi kif se jiġu deċiżi dawn id-deciders.

5.04 Jekk f'4.02 u 4.03 ikun hemm bżonn ta' decider/s, dawn isiru bħal m'hu mniżżel f'5.01, 5.02 u 5.03.

6.00 **REĠISTRAZZJONI TA' PLEJERS**

6.01 Sabiex plejer jilgħab fil-league, dan irid ikun reġistrat.

6.02 Plejer jista' jirreġistra sat-8.00 ta' filgħaxija tal-aħħar Erbgħa ta' qabel il-logħba.

6.03 Plejer jista' jirreġistra sa qabel l-aħħar logħba ta' tmiem il-league. Din ma tinkludix logħob ta' deciders.

6.04 Plejer irreġistrat jingħata ID card maħruġa mill-M.D.A. Mingħajr ID Card, plejers ma jista'x jilgħab.

6.05 Tim jista' jirreġistra minimu ta' tmien plejers (8) u massimu ta' tnax (12). Sabiex inħajru aktarnisa jidħlu fix-xena tad-Darts, dak it-tim li jirreġistra mara, ikun jista' jirreġistra 13 il-player bħala massimu. Jistgħu wkoll jirreġistraw plejers taħt it-tmintax il-sena sa ammont ta' erba (ma jridux ikunu għalqu tmintax il-sena sal-aħħar ta' Settembru).

6.06 Fl-ebda żmien matul staġun tim ma jista' jirreġistra aktar min 3 plejers ikklassifikat mal-ewwel għaxra, 3 oħra mill-ħdax il-post sal-għoxrin, 3 oħra mill-wieħed u għoxrin sat-tletin post u 3 oħra mill-wieħed u tletin sal-erbgħajn post tal-Overall Plejer tas-Sena tal-istaġun ta' qabel.

6.07 Fl-ebda żmien matul staġun tim fit-tielet Diviżjoni l-isfel ma jista' jkollu rreġistrat aktar min 3 plejers ikklassifikati mal-ewwel għoxrin post, 3 oħra mill-wieħed u għoxrin sat-tletin post u 3 oħra mill-wieħed u tletin sal-erbgħajn post tal-Overall Plejer tas-Sena tal-istaġun ta' qabel.

Din ma tapplikax jekk il-plejers ikunu diġà irreġistrati mal imsemmi tim fl-istaġun ta' qabel. F' każ li diġà tim għandu aktar min 3 plejers fil-klassifiċi imsemmija f 6.06 u 6.07 awtomatikament jonqos/jonqsu post/ijiet mill-klassifika (l-għaxra) ta' wara.

6.08 Plejer jirreġistra għall-istaġun wieħed biss.

7.00 **RELEASE TA' PLEJERS**

7.01 Wara tmiem l-istaġun plejer jingħata release awtomatikament.

7.02 Waqt l-istaġun, plejer jista' jitlob ir-release mingħand it-tim tiegħu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar. Kif ukoll tim jista' jirrilisja plejer mingħajr il-kunsens tal-istess plejer sal-31 ta' Jannar.

7.03 Plejer jista' jingħata release BISS jekk iċ-ċentru li qiegħed irreġistrat miegħu fil-prezent japprova dan ir-release.

7.04 Jekk iċ-ċentru kurrenti japprova ir-release iridu jithallsu dawn il-pagament kif imsemmija hawn taħt, sabiex plejer ikun jista' jilgħab ma ċentru ieħor immedjatament:

7.041 *Pagament ta' €50 li jithallas miċ Ċentru l-gdid direttament liċ-Ċentru preżenti.*

7.042 €5*0 Administration Fee lill-M.D.A.*

7.05 Ċentru jista' jaghti plejer ir-release anke jekk dan il-plejer ma jkunx se jirreġistra ma Ċentru ġdid. F'dan il-każ, il-plejer ma jkunx jista' jirreġistra ma Ċentru ġdid u/jew jikkonpeti f'xi attivita organizzata mill-M.D.A. qabel l-perjodu ta' 3 loghobiet tal-8-a-side ta' wara r-release.

7.051 Il-pagament f'dan il-każ ikun bħal 7.042 biss.

7.052 Jekk il-plejer jirreġistra qabel jghaddi dak il-perjodu msemmi f'7.05, il-pagament ikun bħal f'7.041 u 7.042.

7.06 Jekk plejer ma jkun lagħab l-ebda logħba maċ-Ċentru, dan jista' jirreġistra ma Ċentru differenti fi kwalunkwe diviżjoni.

7.07 Jekk plejer ikun lagħab maċ-Ċentru fi kwalunkwe kompetizzjoni organiżżata mill-M.D.A. (tim competition), dan jista' jirreġistra biss, ma Ċentru f'diviżjoni tal-8-a-side differenti.

7.08 Jekk plejer jiġi released, dan ikun jista' jilgħab f'kull kompetizzjoni maċ-Ċentru l-gdid.

**8.00 KUNTRATTI**

8.01 Jekk plejer ikun iffirma kuntratt ma tim (skrittura privata), l-M.D.A. fid-dover li tonora dan il-ftehim.

8.02 L-M.D.A. tonora u taċċetta BISS dan il-kuntratt f'dawn iċ-ċirkostanzi msemmija hawn taħt:

8.021 jekk din l-imsejjħa skrittura privata bejn it-tim u l-plejer, tiġi depożita fis-sede tal-M.D.A. flimkien mar-reġistrazzjoni tal-plejer.

8.022 Jekk il-Kuntratt ikun iffirmat mir-rappreżentat tat-tim u mill-plejer.

8.03 L-M.D.A. fid-dmir u d-dover li tonora **BISS** il-klawsola li tirrigwardja kemm il-staġun il-plejer ikun intrabat mat-tim partikolari.

8.04 L-M.D.A. ma tidħol QATT f'disgwid li jistgħa jinqalgħa bejn it-tim u l-plejer:

8.041 fejn jirrigwardaw xi tip ta' GRANTS jew BENEFIĊĊJI OĦRA MATERJALI imwgħeda f'dan il-kuntratt mit-tim lill plejer.

8.042 Wegħdiet oħra bħal per eżempju kemm il-darba plejer għandu jilgħab jew le.

8.05 F'każ li plejer u/jew tim ma jżommux ma dan il–kuntratt fejn jirrigwardaw 8.04 il-plejer jew/u t-tim jridu jirrikorru għal liġijiet u proċeduri skond il-Qrati tal-Gustizzja wara li jiksbu l-kunsens tal-Kunsill.

8.06 Il-Kuntratt jitqies biss bħala NULL jekk il-plejer u t-tim jaqblu li jxolju dan il-ftehim. Jekk dan jigri, trid tiġi ippreżentata ittra uffiċjali lill-M.D.A. iffirmata kemm mir-rappreżentant tat-tim kif ukoll mill-plejer innifsu qabel plejer ikun jista' jirreġistra ma ċentru ieħor.

8.07 Jekk il-Kuntratt jorbot plejer għal aktar minn staġun wieħed, plejer ma jkunx jista' jirreġistra ma ċentru ieħor, qabel ma jintemm dan il-kuntratt, sakemm il-ftehim ma jiġix xolt b'kunsens bejn iż-żewg partijiet skond 8.06.

8.08 Il-Kuntratt jitqies bħala awtomatikament NULL jekk tim ma jikkompetix fl-M.D.A. l-istaġun ta' wara.

8.09 l-M.D.A. tqis dan il-kuntratt bħala NULL jekk il-plejer jew it-tim jfittxu lill xulxin legalment u l-kuntratt jiġi xolt b''deċiżjoni gudizzjarja.

9.00 **IL-LOGĦBA**

9.01 L-8-a-side league jintlgħab b'sitt logħobiet individwali u tnejn doubles. Il-logħob doubles jkunu r-raba' u t-tmien logħba.

9.02 Kull plejer jista' jilgħab mhux aktar min logħba waħda individwali u oħra doubles kontra plejer/s tat-tim oppost skond kif imniżżel fuq l-iscore sheet.

9.03 Il-logħob isir best of 5 legs fl-ewwel u t-tieni Diviżjoni u best of 3 fit-tielet Diviżjoni.

9.04 Kull tim hu fid-dover li jippreżenta l-ID cards tal-M.D.A.

9.05 Fin-nuqqas ta' 9.04, tim għandu żmien sa ma tintemm l-aħħar logħba sabiex jippreżenta l-ID cards.

9.06 Fin-nuqqas ta' 9.05, it-tim opppost jingħata walk over ta' 8-0.

9.07 Il-captain tat-tim għandu jippreżenta l-I.D. Card tal-plejer li jmissu jilgħab, u wara li dan jitniżżel fuq l-iscore sheet, tkun tista' tibda l-logħba.

9.08 I.D. Card ippreżentata f'9.07 ma tistax tinbidel.

9.09 Jekk plejer ma jkunx preżenti meta jmissu jilgħab, jitlef il-logħba 2-0/3-0 wara li l-plejer oppost ikun tefa' l-warm up darts.

9.10 Kull plejer għandu dritt għal 12 il-dart bħala warm up qabel il-logħba tiegħu.

9.11 Tim rebbieħ jingħata 3 punti waqt li fil-każ ta' draw it-tims jerbħu punt kull wieħed.

10.00 **BIDU TAL-LOGĦBA**

10.01 Il-home tim jibda' l-ewwel leg u jekk ikun hemm bżonn it-tielet u l-ħames leg, ta'l-ewwel, it-tielet, il-ħames u s-seba logħba (1, 3, 5, 7).

10.02 L-away tim jibda' l-ewwel leg u jekk ikun hemm bżonn it-tielet u l-ħames leg tat-tieni, ir-raba, is-sitt u t-tmien logħba (2, 4, 6, 8).

11.00 **SCORE SHEET**

11.01 L-iscore sheets jingħataw lit-tims mill-M.D.A.

11.02 Il-home tim hu responsabbli li jipproduċi l-iscore sheet.

11.03 Il-captain (li jista' ma jkunx plejer) tal-home tim hu responsabbli li jikteb ir-riżultati fuq l-iscore sheet.

11.04 Il-captain tal-home tim huwa responsabbli wkoll li jikteb ir-riżultat finali tal-logħba, kif ukoll xi 180s, higħest finish u 15 darts jew inqas miksuba.

11.05 Il-captains taż-żewġ tims huma responsabbli li jiffirmaw l-iscore sheet wara li jkun tniżżel kollox imsemmi f'11.03 u 11.04.

11.06 F'każ ta' xi korrezzjoni fuq l-iscore sheet, il-captains taż-żewġ tims huma responsabbli li jinizjalaw dawn il-korrezzjonijiet.

11.07 L-originali tal-iscore sheet għandha tinżamm mill-home tim mill-anqas sa l-aħħar tal-istaġun.

11.08 Il- kopja tal-iscore sheet għandha tingħata lill-away tim u tinżamm ukoll sal-aħħar tal-istaġun.

11.09 L-M.D.A. għandha kull dritt titlob għal dawn il-kopji tal-iscore sheets. Dak it-tim li jonqos li jippreżenta li score sheets meta jkun mitlub, jeħel multa ta €10.00 għal kull score sheet nieqsa.

12.00 **RIŻULTAT**

12.01 Hija r-responsabilta' tal-home tim li jibgħat ritratt ċar ta' li score sheet bir-riżultati, permezz ta *Messenger* jew *Whats Up*, lill-persuna indikata mill-M.D.A. immedjatament kif tispiċċa l-logħba.

12.02 Dak it-tim li jonqos li josserva 12.01 ikun suġġett li jeħel multa ta' €10.00.

13.00 **PROTEST**

13.01 Kull tim għandu dritt jipprotesta fuq kull ma jidhirlu.

13.02 Kull protesta għandha ssir bil-miktub u ffirmata mis-segretarju tat-tim, indirizzata lis-segretarju tal-M.D.A. fl-indirizz tal-kwartieri jew permezz ta' email.

13.03 Protesta mibgħuta wara jumejn (2) ta' xogħol sas-6.30 ta' filgħaxija minn meta jkun sar in-nuqqas inkwistjoni ma tiġix milqugħa.

13.04 Jekk ikun il-każ, kopja tal-protesta għandha tintbagħat irreġistrata bil-posta jew permezz ta' email, lil dak it-tim jew individwu involut fil-protesta.

13.05 Kull protest għandu jkun akkumpanjat bi ħlas ta' €50.00.

13.06 Jekk min jagħmel il-protest jerbaħ il-każ, jista jingħata lura il-ħlas kollu jew parti minnu imsemmi f'13.05.

13.07 Jekk min jagħmel il-protest jitlef il-każ, ma jingħatax lura l-flus imsemmija f'13.05.

13.08 Kull protest jiġi deċiż minn Bord ta' Protesti.

13.09 Fil-każ li protest jinvolvi l-andament tal-league, il-logħob ta' dawk it-tims konnessi direttament jew indirettament mal-każ jiġu posposti.

14.00 **APPELL**

14.01 Fil-każ li protest (13.00) jintilef, dak l-individwu jew tim li għamel il-protest jista' jappella.

14.02 L-appell għandu jsir bil-miktub skond il-klawsoli mniżżla fl-Istatut.

14.03 L-appell għandu jkun akkumpanjat bi ħlas kif imniżżel fl-Istatut.

14.04 Jekk min jagħmel l-appell jirbaħ il-każ, jista jingħata lura il-ħlas kollu jew parti minnu imsemmi f'14.03 u 13.05.

14.05 Jekk min jagħmel l-appell jitlef il-każ, ma jingħatax lura l-flus imsemmija f'14.03 u 13.05.

14.06 Kull appell jiġi deċiż minn Bord tal-Appell.

15.00 **PREMJIJIET**

15.01 Ir-rebbieħa ta' kull diviżjoni jingħataw trofew/shield li tinżamm għall-sena.

15.02 Ir-rebbiegħ ta' kull diviżjoni jingħata wkoll trofew għat-tim li tinżamm għal kollox u għaxar trofew għall-plejers.

15.03 Minn jispiċċa fit-tieni post f'kull diviżjoni jingħata trofew għat-tim li tinżamm għal kollox u għaxar trofew għall-plejers.

15.04 F'kull diviżjoni, il-plejer li jikseb l-għola għeluq bi tliet darts jingħata trofew.